# 125 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Każin Soċjetà Sant' Andrija Villa Lija 1880 – 2005

*Is-Segretarju tal-Każin Soċjetà Sant' Andrija, is-Sur Stephen Azzopardi jagħti ħarsa lejn iċ-ċelebrazzjonijiet li saru fis-sena 2005 biex jitfakkar dan l-anniversarju.*

## Il-preparamenti

Is-sena 2005 kienet sena speċjali għall-Każin Soċjetà Sant' Andrija fejn fakkarna l-125 anniversarju mit-twaqqif tas-Soċjetà mis-Sur Luigi Agius fl-1880. Il-kumitat kien ilu għal dawn l-aħħar ħames snin jiddiskuti u jippjana l-aħjar mod biex jiċċelebra dawn il-festi ta' l-aktar Każin li ilu jeżisti f'dan ir-raħal. Il-kumitat fetaħ dawn il-festi b'wirja dwar il-Fundatur u l-Presidenti kollha tas-Soċjetà fil-Festa tas-Salvatur tal-2004. Din il-wirja, li saret fil-Każin tas-Soċjetà, kienet tikkonsisti f'inkwatri tal-Fundatur u l-Presidenti kollha tas-Soċjetà. Ta' min jgħid li mis-sena 2000, il-Każin beda jaħdem ukoll biex il-faċċata tal-każin ikollha armar ġdid fil-ġranet tal-festa. Sar disinn u fil-fatt kull sena beda jiżdied armar ġdid, sakemm f'dawn l-aħħar sentejn tlesta x-xogħol kollu permezz ta' erba' anġli artistiċi maħduma mis-Sur James Azzopardi tan-Nadur, Għawdex. Tnejn minn dawn l-anġli iżżanżnu fil-festa tas-Salvatur tas-sena 2004, u tnejn oħra ta' biswit il-bieb prinċipali tal-każin iżżanżnu fis-sena 2005.

## Logo tal-anniversarju

Il-kumitat ħaseb biex jiddisinja logo għal dawn il-festi, u fl-aħħar tas-sena 2004 dan il-logo ġie nawgurat mal-faċċata tal-każin tas-Soċjetà biex jinxtegħel tul is-sena kollha. Mal-logo ntgħażel il-kliem daqstant meqjus u adattat:

**'125 Sena ta' Storja u Ħidma Kulturali f'Ħal Lija'**

## Tfassil taċ-ċelebrazzjonijiet

Kif bdiet is-sena 2005, ġiet imsejħa il-Laqgħa Ġenerali Annwali fejn intgħażel kumitat ġdid li kellu r-responsabbiltà li jikkoordina x-xogħol kollu li kien diġà mfassal mill-kumitat ta' qabel u jfassal il-programm uffiċċjali ta' ċelebrazzjonijiet tal-festi speċjali tal-125 sena. Fil-laqgħat tal-kumitat bdew jiġu diskussi f'aktar

dettal il-pjanijiet u l-aħħar preparamenti. Il-qofol ta' dawn il-festi kellhom jiġu ċċelebrati fil-jiem tal-festa tas-Salvatur, fil-festa ta' Sant' Andrija Appostlu u Martri, patrun tas-Soċjetà, kif ukoll fil-ġranet tant sbieħ tal-Milied.

## Ġieħ Ħal Lija – l-ogħla unur lokali għas-Soċjetà

Propju f'Jum Ħal Lija li jiġi ċċelebrat ta' kull sena mill-Kunsill Lokali fis-6 ta' Lulju, il-Kunsill Lokali Ħal Lija għoġbu jonora lis-Soċjetà tagħna bl-aktar unur prestiġjuż – dak ta' Ġieħ Ħal Lija – għall-kontribut kulturali li s-Soċjetà tagħna minn dejjem tat tul dawn il-125 sena. Kif jaf kulħadd, Ġieħ Ħal Lija huwa l-ogħla unur lokali li jingħata lil xi individwu jew entità li taħdem għall-ġid komuni tar-raħal tagħna, u grazzi għall-impenn kulturali li s-Soċjetà dejjem ħadmet għalih tul dawn il-125 sena, dan il-premju żgur li kien mistħoqq u meritat. Dan il-gieħ imliena b'kuraġġ kbir biex inkomplu naħdmu bla heda għall-ġid tar-raħal tagħna fil-qasam kulturali kif dejjem għamilna tul dawn l-aħħar 125 sena.  Minn hawn pubblikament nirringrazzja lill-Kunsill Lokali Ħal Lija ta' dan il-ġieħ hekk prestiġjuż.

## Il-ftuħ taċ-Ċelebrazzjonijiet

L-impenji tas-Soċjetà għall-festa tas-Salvatur fetħu b'Lejla Maltija grandjuża fil-pjazza ta' quddiem il-każin, li saret b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Ħal Lija. Barra li kien hemm diversi kantanti stabbiliti, il-kumitat tas-Soċjetà ħa l-opportunità biex jippromwovi t-talent Lijan permezz ta' kantanti żgħar u żgħażagħ minn Ħal Lija. Għal l-ewwel darba il-palk ġie armat biswit il-Kappella ta' Santa Marija u b'hekk kien aktar spazjuż u jidher minn kull rokna tal-pjazza. Kien hemm attendenza numeruża u dan għinna mhux ftit biex intaffu l-ispejjeż kbar li Soċjetà kellha tagħmel biex tiċċelebra dawn il-festi speċjali.

## Il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet

Wara snin ta' stennija l-jum magħżul biex jiġi mfakkar dan l-anniversarju wasal! Il-Ħadd, 31 ta' Lulju, 2005, jibqa' mfakkar b'ittri tad-deheb fl-istorja tas-Soċjetà. Għal din l-okkazjoni, l-kumitat ħa ħsieb jipprepara programm speċjali. Sabiex din il-ġurnata tkun verament waħda memorabbli u dinjituża, il-kumitat ħa ħsieb jistieden lill-President ta' Malta, l-E.T. Dott. Edward Fenech Adami, flimkien ma' diversi ministri, deputati, is-Sindki ta' Ħal Lija u ta' l-Iklin, kunsillieri, il-W.R. Mons. C. Scicluna, li kien hawn fostna biex jippresjiedi dawn iċ-ċelebrazzjonjiet flimkien mal-W.R. Kappillan u l-kleru tal-parroċċa, id-Direttur Spiritwali Dun Salv Sammut, u diversi mistiedna distinti.

## Mumenti memorabbli

Il-President ġie milqugħ mill-President u l-kumitat tas-Soċjetà fil-pjazza ta' quddiem il-każin. Wara li l-President ta' Malta ġie mdawwar mill-President tas-Soċjetà, akkumpanjat mill-kumitat, mas-swali tal-każin, ġie mogħti tagħrif dwar l-istorja tal-Każin waqt li ġie muri d-diversi nkwatri u pitturi li jinsabu fis-swali li waħedhom jirrakkontaw l-istorja glorjuża ta' dan il-Każin. Wara, fuq stedina tal-President tas-Soċjetà, ġie iffirmat il-ktieb tal-personalitajiet distinti mill-E.T. Dott. Edward Fenech Adami.

Wara, il-President ta' Malta u s-Sinjura tiegħu ġew milqugħa b'ċapċip kbir minn dawk kollha preżenti fil-ġnien tal-każin. Wara li saret introduzzjoni ta' l-okkażjoni mis-Sinjura Brigitte Scifo, membru tas-Soċjetà, is-Sindku ta' Ħal Lija, s-Sinjura Magda Magri Naudi ġiet mistiedna tagħmel diskors ta' l-okkażjoni, fejn fost l-oħrajn faħħret il-ħidma ma taqta' xejn ta' din is-Soċjetà b'risq il-kultura fir-raħal tagħna u awgurat li l-ħbiberija li teżisti u l-kollaborazzjoni li dejjem kien hemm bejn iż-żewġ entitajiet tkompli tissaħħaħ u tiġġedded fis-snin li gejjin. Fl-aħħar tad-diskors tagħha saru numru ta' preżentazzjonijiet ta' l-okkażjoni.

## Preżentazzjoniet

Is-Sindku ta' Ħal Lija, s-Sinjura Magda Magri Naudi, f'isem il-Kunsill Lokali ppreżentat standart ta' Ħal Lija lill-President tas-Soċjetà biex jibqa' jinżamm bl-akbar għożża fis-sala prinċipali tal-każin. Wara kien imiss lill-W.R. Kappillan Dun David Gauci biex jagħmel id-diskors tiegħu u ppreżenta f'ismu u f'isem il-kleru tal-parroċċa plattin tal-fidda b'tifkira ta' dan l-anniversarju. Il-President tal-Każin tal-Banda San Pio X, s-Sur Louis Caruana, ippreżenta tazzi kommemorattiva b'tifkira ta' din l-okkażjoni, filwaqt lill-President tal-Każin tal-Futbol, is-Sur Charles Scerri, ippreżenta tazza kommemorattiva. Min-naħa tagħhom l-Għaqda Festi Esterni, permezz tal-President tagħhom, ippreżentaw plattin tal-fidda għal din l-okkażjoni. Preżentazzjoni oħra saret mis-Surmast Raymond Fenech li ppreżenta *L-Innu Marċ Lill Każin Sant' Andrija* fuq kompożizzjoni tiegħu stess. Il-President ta' L-Għaqda Mużikali Sant' Andrija ta' Ħal Luqa ppreżenta nkwatru li juri l-martirju ta' Sant' Andrija, flimkien ma' marċ miktub mill-Ass. Surmast ta' l-istess Għaqda, Mro. Michael Pulis, bl-isem ta' *Lil Sant' Andrija ta' Ħal Lija*. Wara dawn il-preżentazzjonjiet kien imiss lill-President tas-Soċjetà, is-Sur Joseph Portelli, li jagħmel il-preżentazzjonjiet f'isem is-Soċjetà permess ta' plattini tal-fidda li jfakkru l-125 Anniversarju. Dawn ingħataw lill-Kunsill Lokali Ħal Lija, lill-W.R. Mons. C. Scicluna, lil W.R. Kappillan, Dun David Gauci, lid-Direttur Spiritwali Dun Salv Sammut, lill-Każin tal-Banda San Pio X, lill-President tal-Għaqda Festi Esterni, lis-Surmast Raymond Fenech, u lill-President tal-Għaqda Mużikali Sant' Andrija ta' Ħal Luqa. Fl-aħħar, il-President ippreżenta kopja tal-*Innu Marċ lill-Każin Sant' Andrija* lill-President tal-Banda San Pio X biex dan ikun jista' jindaqq kull meta l-Banda San Pio X tgħaddi ddoqq minn quddiem il-Każin Sant' Andrija.

## Diskorsi tal-Presidenti

Wara dawn il-preżentazzjonijiet, kien imiss lill-President tas-Soċjetà Sant' Andrija, is-Sur Joseph Portelli, biex jagħmel id-diskors ta' l-okkażjoni. Diskors imqanqal li fih ġabar il-ħidma kollettiva ta' diversi snin ta' preparazzjoni biex stajna llum naslu biex niċċelebraw dan l-anniversarju daqshekk importanti. Anniversarju li fih, is-Soċjetà kompliet turi l-impenn tagħha dejjem jikber lejn il-kultura popolari ta' dan ir-raħal ħelu ta' Ħal Lija. Il-President fakkar li llum stajna niċċelebraw dan l-anniversarju, grazzi għall-pedamenti sodi li lkoll sibna minn dawk li ġew qabilna, fosthom tal-fundatur u l-wwwel President, is-Sur Luigi Agius, li b'kuraġġ ta' sur waqqaf din is-Soċjetà fuq sisien sodi. Il-President fakkar li l-kumitat kompla jaħdem u jistinka u għal dawn il-festi bi pjaċir jara lil E.T. Dott. Fenech Adami u s-Sinjura tiegħu bħala l-mistednin prinċipali ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, biex jinawguraw l-Istatwa Majestuża ta' l-Appostlu u Martri Sant' Andrija, patrun tas-Soċjetà fil-ġnien tal-każin, xogħol Anġlu Agius ta' *Agius Stonework*, kif ukoll l-anġli artistiċi mal-faċċata tal-każin tas-Soċjetà, xogħol artistiku ta' James Azzopardi tan-Nadur, Għawdex. Fl-aħħar tad-diskors tiegħu irringrazzja lil kulħadd tal-kooperazzjoni u l-ħidma sfieqa li saret biex setgħu jiġu ċċelebrati dawn il-festi. Il-President ikkonkluda l-indirizz tiegħu billi ppreżenta inkwatru kbir tal-fidda b'ritratt tas-Salvatur lill-E.T. Dott. Fenech Adami biex jibqa' tifkira dejjiema ta' din l-okkazzjoni.

Min-naħa tiegħu, il-President ta' Malta irringrazzja lis-Soċjetà ta' l-għotja daqstant memorabbli u se tibqa' tifkira tal-miġja tiegħu fil-każin. Fid-diskors tiegħu, il-President elenka x-xogħol volontarju li jsir minn diversi soċjetajiet għax huma parti mil-qafas tas-soċjetà Maltija. Hu qal li fil-Parlament kienet għaddejja d-diskuzzjoni fuq il-volontarjat u stqarr li dawn għandhom jinagħtaw l-importanza li jixirqilhom għax ħafna drabi issir ħafna xogħol minn wara l-kwinti li ma jiġix apprezzat. Fl-aħħar tad-diskors tiegħu, awgura mill-qalb lis-Soċjetà aktar snin ta' ħidma u rringrazzja lill-President u l-kumitat tas-Soċjetà ta' l-istedina li saritlu biex ikun jista' jippresjedi f'dawn il-festi tal-125 Sena.

## Kxif ta' l-istatwa

Wara kien imiss il-kxif ta' l-istatwa tal-patrun tas-Soċjetà mill-President ta' Malta flimkien ma' rħama kommemorattiva li tfakkar dawn il-festi tal-125 sena. Indaqqet fanfarra ta' l-okkażjoni mill-Banda San Pio X mal-kxif ta' l-istatwa. Qabel ma sar it-tberik ta' l-istatwa, il-W.R. Mons. C. Scicluna qara u ppreżenta l-Barka tal-Papa Benedittu XVI lill-President tas-Soċjetà flimkien ma' ritratt kommemorattiv tal-papa l-ġdid, Benedittu XVI. Id-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà bierek u inawgura l-anġli artistiċi mal-faċċata tal-każin. Wara, il-mistednin kellhom l-okkażjoni li jiltaqgħu personalment mal-President ta' Malta u s-Sinjura Fenech Adami waqt ir-reċiviment li sar fil-gnien tal-kazin.

## Ritratti kommemorattivi

Wara ċ-ċerimonja ta' l-inawgurazzjoni tal-istatwa ta' Sant' Andrija u l-anġli artistiċi, ittieħdu diversi ritratti ta' l-okkażjoni, fosthom mal-President ta' Malta u s-Sinjura Fenech Adami flimkien mal-President u l-kumitat tas-Soċjetà, is-Sindku ta' Ħal Lija u l-Kappillan. Ritratti oħra uffiċjali ttieħdu ma' Anġlu Agius ta' *Agius Stonework* u l-artist Għawdxi James Azzopardi, il-protagonisti tal-opri l-ġodda li kienu għadhom kien ġew inawgurati. Ritratt uffiċċjali kollettiv ittieħed tal-Għaqda Mużikali Sant' Andrija ta' Ħal Luqa u s-Soċjetà tagħna.

## L-impenji tal-festa

Din is-sena wkoll, bħas-snin l-oħra, is-Soċjetà ħasbet biex tistieden il-baned biex iferrħu l-poplu Lijan kif ukoll lil dawk li jiġu jaqsmu l-ferħ magħna mat-toroq ta' Ħal Lija. Fl-ewwel jum tat-Tridu tas-Salvatur, kien imiss għal darb'oħra lill-Banda Sant' Andrija ta' Ħal Luqa, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro P. Schembri, biex tagħmel il-marċi popolari tagħha. Min-naħa tagħha il-Banda San Pawl ta' San Pawl il-Baħar, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro C. Cachia, għamlet il-marċ brijuż fit-Tieni jum tat-Tridu tas-Salvatur fit-toroq tal-qalba tar-raħal. Kien hemm xeni ta' ferħ, briju, innovazzjonjiet u fuq kollox baned armati bl-aqwa marċi. Għall-ewwel darba ndaqqu 'l-Innu Marċ lill-Każin Sant' Andrija' u l-marċ 'Lil Sant' Andrija ta' Ħal Lija' fost il-ferħ u l-briju tad-diriġenti, membri u l-poplu ta' Ħal Lija li assistew numerużi għal dawn il-marċi.

## L-ikla tal-festa

Is-Soċjetà għalqet l-impenji tagħha għall-festa tas-Salvatur b'ikla għall-membri u l-ħbieb f'*All Saints Bar & Restaurant*, il-Qawra. F'din l-okkażjoni ġie muri l-video taċ-ċelebrazzjonijiet tal-125 anniversarju li saru fil-festa tas-Salvatur. Dan sar b'kollaborazzjoni bejn 'Blue Eye Media' u 'Darlow Productions'.

## Festa ta' Sant' Andrija

Wara li għaddiet il-festa tas-Salvatur, u żżarma l-armar tat-toroq konness mal-festa, il-kumitat minnufih beda jaħdem fuq il-festa ta' Sant' Andrija Appostlu u l-festi tal-Milied. Fit-30 ta' Novembru, 2005, il-kumitat organizza quddiesa kantanta ta' radd il-ħajr fil-Knisja Parrokkjali li tmexxiet mill-Kappillan u l-kleru kollu tal-parroċċa, flimkien ma' saċerdoti minn Ħal Lija li jagħtu s-servizz tagħhom barra l-parroċċa. Il-kor tal-parroċċa 'Tabor' anima din il-quddiesa. Il-kumitat stieden lill-Każini u l-Għaqdiet kollha ta' Ħal Lija għal din il-quddiesa kif ukoll għar-riċeviment li sar wara fil-każin tas-Soċjetà.

## Presepju ħaj għall-Milied 2005

Il-preparamenti għall-Milied kienu ilhom li bdew minn kif għaddiet il-festa. Il-kumitat ħa ħsieb biex f'dan l-anniversarju jagħti rigal lill-poplu ta' Ħal Lija permezz ta' presepju ħaj li ġie ppreżentat fi Triq Sant' Andrija. Fil-fatt is-Sibt, 10 ta' Diċembru, 2005, sar il-ftuħ uffiċjali mill-Viċi Prim Ministru Dott. Tonio Borg u tbierek mill-W.R. Kappillan Dun David Gauci. Wara sar riċeviment fil-każin fejn fost il-mistednin kien hemm il-Viċi

Prim Ministru u s-Sinjura Borg, is-Sindku, kunsillieri, u kif ukoll il-Kappillan ta' Ħal Lija. Dan il-presepju sar b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija.

## L-aħħar ċelebrazzjonijiet

Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-125 Anniversarju kienu resqin fit-tmien. Madankollu, il-ħidma kollettiva tal-kumitat baqgħet għaddejja b'ritmu mgħaġġel, u l-Ġimgħa, 23 ta' Diċembru, 2005, sar *Get-Together* kbir fis-swali tal-każin għall-membri u l-ħbieb tas-Soċjetà. F'din l-okkażjoni saru diskorsi li jfakkru fit-tmien ta' dawn il-festi. Is-Segretarju, f'isem il-kumitat u l-membri, ppreżenta arloġġ tal-fidda lill-President tas-Soċjetà bħala rikonnoximent tal-ħidma tiegħu b'risq is-Soċjetà kif ukoll bħala tifkira ta' dawn il-festi tal-125 Anniversarju.

Fl-aħħar u mhux l-inqas reġa' ġie organizzat il-*party* tat-tfal li sar nhar l-Erbgħa, 4 ta' Jannar, 2006. Kien hemm attendenza numeruża, b'ħafna mit-tfal akkumpanjati mill-ġenituri tagħhom.

## Konklużjoni

Meta wieħed iħares lura lejn is-Sena 2005, bla dubju jinnota b'sodisfazzjon li kienet sena impenjattiva ferm, fejn il-President u l-kumitat tas-Soċjetà, flimkien mal-membri, ħadmu bla heda biex jaraw li dawn il-festi jiġu ċċelebrati b'sodisfazzjon għal kulħadd. Barra minn dawn l-attivitajiet, bord imwaqqaf fi ħdan il-kumitat kellu r-responsabbiltà li joħroġ il-programm speċjali tal-festa li kien edizzjoni speċjali tal-125 Anniversarju, kif ukoll il-programm tal-Milied u l-kalendarju għas-sena 2006. Barra dan ix-xogħol, sar xogħol estensiv ta' rinnovar fil-bar tal-każin.

Nagħlaq billi nirringrazzja minn qalbi f'isem il-President u l-kumitat lil diversi individwi li għenu mhux ftit biex stajna niċċelebraw dawn il-festi hekk sbieħ mifruxa tul is-sena 2005. Jalla dawn il-festi jgħinuna biex inkomplu naħdmu bla waqfien b'risq il-kultura popolari ta' dan ir-raħal ħelu ta' Ħal Lija. Soċjetà Sant'Andrija għandha futur tassew sabiħ u tħares lejn il-ġejjieni b'kuraġġ kbir imsejjes fuq il-ħidma volontarja ta' tant membri u żgħażagħ li jaħdmu bla heda għall-ġid tal-Każin Soċjetà Sant' Andrija.